MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 795/2004

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Paul Cilia sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Paul Cilia**

**Vs**

**Daniela Gauci**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm329.08c (tliet mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u tmien centezmi) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tat-8 ta' Gunju, 2003, fi Triq il-Kbira, Mosta, bejn il-vettura bin-numru BBJ 646 misjuqa mill-konvenuta, u l-vettura numru TFH 073 proprjeta' ta' l-assigurat tas-socjeta' attrici Paul Cilia, liema vettura kienet ipparkjata, u liema vettura kienet assigurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assigurat taghha, liema ncident sehh unikament tort tal-

konvenuta minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

L-ammont mitlub jinkludi l-*excess* imhallsa mill-assigurat tas-socjeta' attrici, Paul Cilia, li kien assigurat taht polza *comprehensive* mas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tad-9 ta' Dicembru, 2003, u ta' l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, u bl-imghax pagabbli mit-3 ta' Novembru, 2003, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-Nota ta' Ammissjoni pprezentata llum seduta stante.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------